MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 881/2005

**Entrata Enterprises Ltd. (C-24354)**
**vs**

**Roger Mangion**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' April, 2005, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u wiehed u erbghin lira Maltija u sittin centezmu (Lm441.60), rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta mill-konvenut ghall-merca u merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata u minnu accettata meta huwa kien jiggestixxi l-istabiliment « Bellavista Ironmongery » fi Triq il-Hortan, Marsascala, bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fis-16 ta' Mejju, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-**

**konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u wiehed u erbghin lira Maltija u sittin centezmu (Lm441.60), bl-imghax legali mid-29 ta' April, 2005 sad-data tal-hlas effettiv, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------